MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2013

Numru. 743/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**CLINT CALLEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Clint Calleja ta' 22 sena iben Michael u Josephine nee Tanti, imwieled il-Pieta' nhar il-19/12/1990, joqghod gewwa 70, Triq Santa Rita, Rabat, u detentur tal-karta ta' l-identita' 16491M

Gie akkuzat talli:-

Bejn il-lejl ta’ l-1 ta’ Gunju 2013 wara 16:30hrs u 2 ta’ Gunju 2013 qabel 07:30hrs, waqt li kienu gewwa Triq Santu Wistin, Rabat, volontarjament hassar, ghamel

hsara jew gharraq hwejjeg mobbli jew immobli ta’ Maria Anna Vassallo u cioe’ vettrina tal-hanut Mariucca Hair Saloon, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros116.47 izda anqas minn Euros1164.67, (Art.325 Kap.9);

U akkuzat ukoll talli fl-istess data u lok kkommetta serq ta’ prodotti tax-xaghar, li l-ammont taghhom ma jeccediex il-233.30 Euros mill-hanut Mariucca Hair Salon, ghad-detriment ta’ Maria Anna Vassallo;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SM5 u nnutat li l-imputat Clint Calleja m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien xahrejn millum tramite l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Sarah Magri ser ihallas dak kollu dovut lill-parte civile rigward din il-kawza.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 17, 325(1)(b), 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Clint Calleja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed

jobbliga ruhu li fi zmien xahrejn millum tramite l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Sarah Magri ser ihallas dak kollu dovut lill-parte civile rigward din il-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Clint Calleja taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clint Calleja l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------